MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 593/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Clive Butler (K.I. 528486M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ erba’ mija sebgha u erbghin ewro u sitt centezmi (€447.06) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi minnha in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru 9925 2717.

Il-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fl-24 ta’ Gunju, 2010 mill-Avukat Dr. Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------